MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 138/2003

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Jason Coleiro

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**Rat ic-citazzjoni attrici li biha ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' zewg kuntratti datati 21 ta' Jannar 1999 u 30 ta' April 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Dok "A" u Dok "B"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Jason Coleiro;

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Jason Coleiro fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u erba' Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm22,804.18) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Jason Coleiro mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1" sa "C3"; Dok "D1" sa

“D32”; u Dok “E1” sa “E3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 21 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Bartolomeo Micallef fuq imsemmi (u esebit mac-citazzjoni bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Jason Coleiro (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien indampjenti f’ obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Jason Coleiro li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’ hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’ daqqa;

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru 2002 li kopja taghha giet esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok “F”, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda baqa’ inadempjenti,

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 21 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Bartolomeo Micallef fuq imsemmi (u esebit mac-citazzjoni bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Jason Coleiro (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Jason Coleiro li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2) Tikkundanna lil Jason Coleiro jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u erba’ Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm22,804.18) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Jason Coleiro

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1” sa “C3”; Dok “D1” sa “D3”; u Dok “E1” sa “E3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru 2002 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenut li gie ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

**PROVI:**
Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2004 deher il-konvenut Jason Coleiro li ddikjara li ma kienx qabbad konsulent legali, u li wara li l-Qorti spjegatlu l-kontenut tac-citazzjoni inkluz tad-debitu msemmi hu xorta ghazel li ma jqabbadx avukat.

Rat illi fl-istess seduta l-konvenut ammetta t-talba dedotta fic-citazzjoni.

**KONKLUZJONJIET:**
Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li:

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 21 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Bartolomeo Micallef partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Jason Coleiro (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Jason Coleiro li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici,

U tikkundanna lil Jason Coleiro jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u erba’ Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm22,804.18) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Jason Coleiro mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------